PDF Compressor Pro



L-Eċċ. Tiegħu. Mons. Isqof Grech waqt kelmtejn li għamel qabel qasam kejk żgħir tal-okkażjoni. Fuq ix-xellug tiegħu jidher il-Vigarju Ġenerali tad-Djocesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovann B. Gauci waqt li fuq il-lemin jidher Dun Charles Sultana, Segretarju Privat ta' Mons. Isqof

Jum l-Isqof f'egħluq sninu

Fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, f'taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex, nhar is-Sibt 20 ta' Frar, sar nofs ta' nhar ta' spiritwalità għas-saċerdoti u reliġjuži. Patri Karmelitan Alexander Vella ta taħdita konnessa mal-bidu tar-Randan Mqaddes.

F'nofsinhar dawk kollha preżenti qagħdu għall-ikla ppreparata mill-voluntiera taċ-Ċentru biex ifakkru egħluq il-53 sena ta' Mons. Isqof Mario Grech, li qasam ukoll kejk tal-okkażjoni. Il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci awguralu għomor twil. Min-naħa tiegħu Mons. Isqof irreċiproka l-awguri lill-Vigarju li kien ser jagħlaq 72 sena l-għada l-Ħadd.



Uħud mis-Saċerdoti preżenti għall-ikla fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb. Jidhru fost oħrajn Mons. Carmelo Hili, mix-Xagħra, Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, f'Ta' Ħamet, Mons. Ġorġ Tabone u Dun Franġisk Saliba minn Victoria, il-Kanonku Ġużeppi Tabone mill-Għarb, Dun Anton Teuma, eks rettur tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, mix-Xagħra, Dun Ignatius Borg, mix-Xagħra, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz u Mons. Carmel Gauci, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Għarb



Fir-ritratt ta' fuq il-lemin jidhru wkoll il-Patrijiet Franġiskani li hawn bħalissa fil-Kunvent ta' Sant' Antnin, f'Għajnsielem, Patri Alfred Sciberras minn Ħaż Żebbuġ, Malta u Patri George Bugeja mix-Xagħra, flimkien ma' Mons. Ġużeppi Attard, min-Nadur, Arċipriet tal-Katidral u l-aħwa l-Kanonċi Anton u Pawlu Mejlak min-Nadur fiċ-Ċentru Pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb.



Seminaristi, Saċerdoti u Sorijiet fit-Terminal tal-Mġarr, Għawdex, qabel rikbu l-Vapur lejn Malta, sabiex imorru Ars

F'Pellegrinaġġ f'Ars

Bħala parti mill-attivitajiet organizzati mis-Seminarju tad-Djoċesi ta' Għawdex biex ifakkru l-150 sena mill-mewt ta' San Ġwann Maria Vianney f'din is-sena iddedikata lis-saċerdoti, grupp ta' madwar 40 persuna, kompost fost l-oħrajn mis-seminaristi flimkien mas-superjuri tagħhom, marru Ars fi Franza, biex jgħaddu ġimgħa flimkien, f'talb u riflessjoni, proprju fejn wettaq il-ministeru saċerdotali tiegħu il-Kurat ta' Ars.

Huma żaru ukoll il-komunità ta' Taize fejn għamlu esperjenza ta' talb ekumeniku.

Flimkien mas-seminaristi marru wkoll diversi saċerdoti, reliġjuži u ż-żewġ Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, Madre Carmelina Debono u Sr Ġużeppina Farrugia, li jservu fis-Seminarju. Il-grupp kien immexxi mir-Rettur tas-Seminarju Dun Daniel Xerri mill-Viċi Rettur Dun Michael Curmi u minn Dun Ġwann Sultana.

MINN ĠĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**

Arċipriet ġdid għall-Parroċċa tan-Nadur

Mons Isqof Mario Grech ħatar lil Mons Jimmy Xerri Ph.L. bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-parroċċa tan-Nadur. Mons Xerri saċerdot mill-presbiterju tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria Għawdex, ilu għal dawn l-aħħar 15-il sena missjunarju fil-Brażil.

Mons Jimmy Xerri ser isir Arċipriet minflok Mons Salv Muscat li issa kien ilu Arċipriet tal-parroċċa msemmija minn Novembru 1982.

Mons Jimmy Xerri twieled nhar it-30 ta' Awissu 1957 fi New South Wales, l-Awstralja, minn Frank u Geswalda xebba Vella. Ġie mgħammed nhar il-15 ta' Settembru 1957 fil-parroċċa tal-Verġni Marija tal-Karmelu, immexxija mill-patrijiet Karmelitani, f'Wenworthville, bl-isem ta' James George.

Beda l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tas-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, u meta l-familja tiegħu irritornat f'Għawdex, kompla l-edukazzjoni fl-iskola Sir Arturo Mercieca u mbagħad Ninu Cremona fuq livell sekondarju.

Fl-1974 beda l-kors tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex li kellu jwasslu biex jiġi ordnat saċerdot. Is-sena intermedjarja għamilha f'Melbourne, l-Awstralja, fil-parroċċa ta' St Bernardette, f'North Sunshine. Huwa rċieva l-ordinazzjoni presbiterali fil-knisja Katidrali nhar is-Sibt 27 ta' Ġunju 1981, minn idejn l-E.T. Mons Nikol G. Cauchi. Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ, fil-belt Victoria.

Wara l-ordinazzjoni, Dun Jimmy mar Ruma u hemm ħa l-kors tal-filosofija. Lura f'Għawdex hu għadda erba' snin mat-tfal orfni bħala direttur tal-Istitut San Ġużepp, f'Għajnsielem. F'dak ż-żmien kien ukoll lecturer tal-Istorja tal-Filosofija fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù. Għal madwar tmien snin kien ukoll segretarju tal-Isqof Nikol G. Cauchi u ħadem ukoll bħala segretarju fil-iskola tas-Seminarju Minuri.

Għal snin twal Dun Jimmy wettaq ukoll ħidma pastorali fiż-żona tar-Ragħaj it-Tajjeb, f'Taċ-Ċawla. Hawn hu kien magħruf għall-omeliji tiegħu u għall-qalb kbira li kellu għal kulhadd u kien maħbub ħafna mit-tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

Mhux biss kien jorganizza l-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika, imma wkoll spiss kien itella' drammi u attivitajiet ta' kull xorta flimkien mażżgħażagħ.


Kien minn hawn li ħass issejħa li jħalli pajjiżu u telaq lejn il-Brażil biex iwettaq ħidma missjunarja f'dan il-pajjiż tat-tielet dinja. Għadda żmien f'parroċċa f'Maceo u għal xi snin okkupa l-kariga ta' Rettur fis-Seminarju ta' l-istess belt. Dan l-aħħar kien kappillan ta' San Sebastjan, f'Messias, fl-istat ta' Alogoar, Brażil.

Barra l-kotba li kien ippubblika meta kien għadu Għawdex, fosthom 'Lejn Kultura Nisranija' fl-1993, li baqa' jservi għal snin twal bħala l-aħjar ġabra tas-sillabu tar-Reliġjon fuq livell avanzat, kemm ilu l-Brażil Dun Jimmy ippubblika ħames kotba.



Mons Jimmy Xerri Arċipriet fin-Nadur

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna